Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Il-Każ M.10188 — Illumina/GRAIL)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2021/C 248/05)

1. Fis-16 ta' Ġunju 2021, il-Kummissjoni rċeviet avviż ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 u wara referenza skont l-Artikolu 4(22) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 [1].

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Illumina, Inc. ("Illumina", l-Istati Uniti tal-Amerka),

— GRAIL, Inc. ("GRAIL", l-Istati Uniti tal-Amerka)

Illumina takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv ta' GRAIL kollha kemm hi.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

Il-konċentrazzjoni kienet referuta lill-Kummissjoni mill-Autorité de la Concurrence Franċiża skont l-Artikolu 22(3) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Sussegwentement, il-Belġju, il-Greċja, l-Iżlanda, in-Netherlands u n-Norveġja ngħaqdu mar-riferiment.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma:

— Illumina: kumpanija globali tal-ġenomika, li prinċipalment tiżviluppa, timmanifattura u tikkummerċjalizza sistemi ta' sekwenzar tal-ġenerazzjoni li jmiss (next generation sequencing, "NGS") għall-analiżi ġenetika u ġenomika,

— GRAIL: kumpanija tal-kura tas-saħħa, li tiffoka fuq l-iżvilupp ta' teknoloġiji għat-testijiet tad-detezzjoni tal-kanċer ibbażati fuq NGS. GRAIL bdiet ukoll kummerċjalizzazzjoni inizjali u limitata tat-test Galleri tiegħu fl-Istati Uniti tal-Amerka.

3. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuna interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jinħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.10188 — Illumina/GRAIL

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz tal-email, permezz tal-faks jew permezz tal-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Faks +32 22964301

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles / Brussel
BELGIQUE / BELGIË

[1] ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").